## Laqgha Numru 15/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti tal-Hmistax il-Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 11 t'Ottubru 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Carmela Attard, Pierre Cordina u Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-5 t'Ottubru 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 14 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Decizjoni dwar l-ghazla ta' Skrivana Full Time.**
5. **Road Resurfacing.**
6. **Approvazzjoni tal-Kontijiet.**
7. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K3/2000.

1.1. Is-Sindku Joe Zammit ressaq emendi biex wara item 8.3 jidhol dan li gej ***" Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-Bord li jikkontrolla t-traffiku biex Triq Burma minn quddiem l-istatwa tal-madonna sa quddiem it-tarag li jaghti ghal-Triq l-Imhallef William Harding ghandha tigi No Parking iz-zewg nahat filwaqt li mit-tarag sar-roundabout ghandha ssir No Parking in-naha tal-gibjun biss. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda. Il-Kunsill qabel unanimament."***

1.2. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 14/K3/2000 kif emendati.

1.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

1.4. Il-mozzoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Ray Pace u Carmela Attard ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Pierre Cordina astjena minhabba li ma kienx prezenti ghall-laqgha.

1.5. Il-mozzjoni ghaddiet unanimament.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghall-item li kien imiss.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-4 u l-11 t'Ottubru 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghall-

| **Rif.** | **Suggett** |
|---|---|
| 46/0965/00/I | Ittra minghand il-Korporazzjoni ghas-servizz ta' l-Ilma rigward il-hsarat fil-lokal. |
| 46/0966/00I | E mail minghand il-Kunsillier Ray Pace rigward diversi suggetti. |
| 46/1003/00/I | Ittra minghand il-Pembroke Residents Association jilmentaw minn karozza tal-linja li tkun ipparkjata fi Triq Patri Indri Vella. |
| 46/1005/00/I | Memo 63/2000 – Sebbah Pajjizek 2000. |

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1003/00/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li kien gab minghand is-Supretendent Patrcick Spiteri jirrizulta li karozzi tal-linja u trakkijiet suppost jigu ggaraxjati billejl sakemm dawn ma jkunux ipparkjati f'postijiet li ma jkunux ta' nkonvenjent ghar-residenti. Il-kelliem qal li l-karozza li sar l-ilment dwarha kienet ta' resident u kien ser ikellmu personalment biex ma jitkompliex l-inkonvenjent.

3.3. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1005/00/I** il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda lill-Vici Sindku Paul Baldacchino biex jibda jiprepara ghall-kompetizzjonijiet li hemm ghall-Sebbah Pajjizek.

3.4. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ghamel rimarka dwar il-Kampanja Clean Up The World 2000. Il-kelliem qal li minhabba l-fatt li nhar is-Sibt huwa kien ser ikun imsiefer kien qed jissuggerixxi li l-Clean Up issir mil-Handyman tal-Kunsill fejn titnaddaf ic-centre strip kif ukoll l-area tal-madwar. Il-kelliem qal li l-iskips ghandhom jitpoggew tnejn fil-parking area ta' hdejn Blokk 10, wahda Misrah il-Fortizza u wahda hdejn Blokk 9 Triq Tobruk.

## 4. Rendikont ta' l-interviews.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit ta' rendikont ta' l-interviews li saru, ghal liema interviews kienu prezenti s-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino, l-Kunsillier Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem qal li s-sinjura Astrid May Falzon kienet infurmat lill-Kunsill li kienet sabet xoghol iehor filwaqt li Charyl Ciappara ma gietx ghall-interview. Is-Sindku qal li

l-Bord tal-Kunsilliera li kineu prezenti kienu tal-fehma li dawk intervistati kienu jikwalifikaw kif gej l-ahjar is-sinjorina Sylvana Rita Deguara, t-tieni s-sinjorina Alison Micallef filwqt li t-tielet is-sinjorina Stefania Cutajar. Ghal dan il-ghan is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jaghzel lis-sinjorina Sylvana Rita Deguara kemm il-darba din taccetta u jekk le l-Kunsill jinpjega lis-sinjorina Alison Micalef biex timla l-post vakant ta' Full Time clerk f'effett minn nhar it-Tnejn 16 t'Ottubru 2000, bil-hinijiet tax-xoghol ikunu bejn it-8.00 am u l-12.00 u bejn is-1.00 pm u l-5.00 pm mit-Tnejn sal Gimgha. Il-kelliem ppropona wkoll li l-paga u l-kundizzjonijiet tax-xoghol ghandhom ikunu skond kif ser ikun stabbilit fil-ftehioem kollettiv ta' l-impjegati klerikali.

4.2. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

4.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Road Resurfacing.

5.1. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino staqsa lis-Sindku Joe Zammit jekk kienx inbeda l-porcess biex Triq Patri Indri Vella, l-Isqof Angelo Portelli, Guzeppe Malfeggiani, parti minn Triq Mons Mifsud Tommasi u parti minn Triq Giorgio Mitrovich jinghataw it-tarmac.

5.2. Is-Sindku Joe Zammit wiegeb li s-survey tat-toroq imsemmija jinsab fi stadju avvanzat.

## 6. Approvazzjoni tal-kontijiet.

6.1. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni ta' skeda ta' pagamenti. **( Ara Appendici A )**

6.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Materji Ohra.

7.1. Il-Kunsillier Ray Pace talab lill-Kunsilliera biex sa gimgha wara jiprovdu l-artikli taghhom biex ikun jista' jibda jigi ppreparat il-magazine tal-milied.

7.2. Il-Kunsillier Ray Pace b'riferenza ghal incident li gara wara nofsinhar fejn resident li zamm l-identita' tieghu anonimu permezz tat-telefone uza kliem mhux xierq lejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, ppropona li l-Kunisll jixtri ID Caller ghat-telefone tal-Kunsill.

7.3. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

7.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.5. Il-Kunsillier Ray Pace talab li jigi skuzat fis-6.45 pm.

7.6. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellhom laqgha ma' l-Avukat tal-Kunsill fejn dan ikkonferm li l-kawza ta' libel miftuha mil-Kunsill kienet ghan-nom tal-Kunsill u mhux fuq bazi personali ta' l-ex Sindku Gino Cauchi, li s-sur Mark Causon ghadu ma hallasx id-danni li kien accetta li jhallas, li l-kawza ta' libel hija ppuntata quddiem l-

Imhallef Ray Pace ghal nhar il-Hamis 26 t'Ottubru 2000 kif ukoll li l-avukat kien kiteb ufficcjalment lil min kien koncernat rigward il-problemi li nholqu fuq il-progett ta' Pembroke Battery.

7.7. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg prezenta lill-Kunsilliera rapport dettaljat tat-tenders kollha li ghandu l-Kunsill inkluz it-terminu ta' zmien kif ukoll lista tal-kuntratturi li inghataw l-istess tenders. **( Ara Appendici B )**

7.8. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-kuntratt tal-manutenzjoni tat-tabelli tat-traffiku li kien inghata lill-MSD ghandu jigi mgedded ghal-sena ohra kif kien jistipula l-istess kuntratt.

7.9. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

7.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.11. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet ser issir works order lill-kuntrattur J & K biex isir Tindif ta' culverts, culvert gdid Triq Medjez, Paving Blocks tal-gnien u Triq Amabile Sisner, patching fejn hemm bzonn bil-prijorita' tkun Triq Alamein, Normandy, Cassino, Mediterran, M. M. De Brincat, Kurunell Lorenzo Manche' u Napuljun Tagliaferro.

7.12. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien gie mistieden fuq il-bastiment Navali HMS Pembroke waqt liema stedina gie prezentat b'mementos ta' l-okkazjoni kif ukoll li nghatat memento bhala reciproka.

7.13. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward ix-xoghol ta' Misrah il-Fortizza kellu nformazzjoni minghand id-Direttur tat-Toroq li x-xoghol kellu jibda fil-gimghat li gejjien kif ukoll li jekk dan ma jsehhx id-Dipartiment kien ser jikkunsidra li t-tender jinghata lill-Kumpanija Penza Construction kemm il-darba din il-propost tigi accettata minn din il-kumpanija li ser tkun qed taghmel xoghol ta' road resurfacing fil-lokal.

7.14. B'riferenza ghal-Istat tat-Triq il-Gdida minhabba li s-sigar ghadhom ma nzerghux kif ukoll minhabba li rega' tela' haxix hazin kif ukoll minhabba l-probelma tal-konfini, is-Sindku Joe  Zammit ppropona li ssir Press Conference biex jigi muri l-adghab tal-Kunsill.

7.15. Il-Vici Sindku Paul Baldacchhino ssekonda.

7.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.17. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kellu proposta tal-Kunsill Lokali Swieqi ghall-pellican lights quddiem il-Local Pub. Il-kelliem ppropona li l-Kunsill japprova din il-proposta.

7.18. Il-Kunsillier Carmela  Attard ssekondat.

7.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.20. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet saret proposta ta' l-NSTS biex studenti Awstrijaci jingiebu Malta ghal-tahrig.

7.21. Is-Sindku Joe Zammit informaa lill-Kunsill li l-ittra dwar il-hawkers ma kienet intbaghatet biex qabel jigi nfurmat is-Supretendent il-gdid. Il-kelliem inform lill-Kunsill li fil-laqgha li jmiss ser jigu diskussi l-attivitajiet ghal zmien il-Milied.

7.22. Is-Sindku Joe Zammit ppropona sospenzjoni ta' l-agenda biex jigi diskuss w approvat il-Quarter Financial Report ghall-perjodu Lulju – Settembru 2000. **(Ara Appendici C)**

7.23. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

7.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.25. Wara disksusjoni qasira s-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-Quarter Financial Report bid-differenza li l-ammont ta' Lm 2,000.00 ghandu jigi mqassam kif gej Lm 800.00 ghal-Upgrading tal-Passagg li hemm bejn triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich,, Lm 500.00 biex ikunu jistghu jintuzaw ghall-possibilita' ta' Gemellagg ma' Pembroke shire Wales u Lm 700.00 biex jizdied mal-vot ta' xiri ta' kompjuter u ghamara ghall-ufficcju.

7.26. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

7.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.28. Il-Kunsillier Pierre Cordina ppropona li l-Kunsill jipprepara u jqassam materjal informattiv dwar il-BMX association. Il-kelliem ppropona li tqassim ghandu jsir mil-handyman u dan mhux waqt il-hinijiet tax-xoghol ghall-prezz ta' Lm 20.00.

7.29. Il-Kunsillier Carmela Attard sekondat.

7.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.31. Fuq rakkomandazzjoni tal-Vici Sindku Paul Baldacchino u tal-Kunsillier Pierre Cordina biex ikun hemm tibdil fil-format tal-Magazine, is-Sindku Joe Zammit ppropona li din tkun item fuq l-agenda li jmiss.

7.32. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

7.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.34. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jordna 50 'pin badge' li tintlibes fuq il-glekkijiet ghall-prezz ta' Lm 1.00 il-wahda.

7.35. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

7.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.37. Il-Laqgha ntemmet fis-7.45 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 25 t'Ottubru 2000 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |